

ANNEX XV RAPPORT

EVALWAZZJONI TAR-RISKJI POSSIBBLI GĦAS-SAĦĦA TA' GRANULI TAL-GOMMA RIĊIKLATA UŻATI BĦALA MILI FI GRAWNDS SPORTIVI B'TERF SINTETIKU

Sommarju

Ismijiet tas-Sustanzi: Sustanzi fi granuli tal-gomma riċiklata użati bħala materjal tal-mili fit-terf sintetiku

Numru KE: Mhux rilevanti

Numru CAS: Mhux rilevanti

Sottomittent: ECHA

Numru tal-verżjoni: 1.01

Data: 28 ta' Frar 2017

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ

L-awtur ma jaċċetta ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. Id-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni li hemm fid-dokument huma mingħajr preġudizzjoni għal kwalunkwe xogħol regolatorju ieħor li l-ECHA jew l-Istati Membri jistgħu jibdew fi stadju ulterjuri.

SOMMARJU

L-ECHA ma sabet ebda raġuni biex tavża lin-nies biex ma jagħmlux sport fuq terf sintetiku li jkun fih granuli żgħar ta' gomma riċiklata bħala materjal tal-mili. Dan il-parir huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni tal-ECHA li hemm livell baxx ħafna ta' tħassib mill-esponiment għas-sustanzi li jinsabu fil-granuli. Dan huwa bbażat fuq l-evidenza attwali disponibbli. Madankollu, minħabba l-inċertezzi, l-ECHA tagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex tiżgura li kwalunkwe tħassib li jkun għad fadal jiġi eliminat.

L-ECHA evalwat ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem minn sustanzi li jinsabu fil-granuli żgħar ta' gomma riċiklata li huma użati bħala materjal tal-mili fit-terf sintetiku, bħal dak użat fi grawnds tal-futbol interni u esterni.

Sal-2020, huwa stmat li fl-UE se jkunu jeżistu 21 000 grawnd ta' daqs sħiħ u madwar 72 000 grawnd żgħir.

Fl-UE, granuli żgħar ta' gomma użata bħala materjal tal-mili huma prodotti prinċipalment minn tajers li ma jkunux għadhom jintużaw (ELT). L-industrija informat lill-ECHA li l-biċċa l-kbira ta' dan il-materjal tal-mili huwa magħmul minn tajers prodotti fl-UE. Huwa rrapportat li l-kwantità ta' tajers u ta' granuli żgħar tal-gomma riċiklata li huma importati fl-UE hija żgħira. Madankollu, l-ECHA ma tistax tivverifika din l-informazzjoni minn sors indipendenti.

L-ECHA identifikat bosta sustanzi perikolużi fil-granuli żgħar ta' gomma riċiklata mil-letteratura u mir-riżultati ta' għadd ta' studji reċenti. Is-sustanzi li jinstabu b'mod komuni fil-granuli żgħar ta' gomma riċiklata huma idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), metalli, ftalati, idrokarburi organiċi volatili (VOCs) u idrokarburi organiċi semi-volatili (SVOCs).

L-ECHA investigat ir-riskji għat-tfal li jkunu qed jilagħbu l-futbol u sports oħrajn fi grawnds sportivi sintetiċi (inklużi l-gowlers), l-adulti li jagħmlu sport professjonali u l-ħaddiema li jinstallaw jew imantnu l-grawnds.

L-ECHA kkunsidrat l-esponiment għall-granuli żgħar ta' gomma b'kuntatt mal-ġilda, l-inġestjoni u l-inalazzjoni ta' sustanzi li jevaporaw mill-granuli, kif ukoll it-trab iffurmat mill-granuli stess.

L-ECHA tikkonkludi li hemm livell baxx ħafna ta' tħassib mill-esponiment għal granuli żgħar ta' gomma riċiklata:

- 1) Fl-istudji li evalwat l-ECHA, il-konċentrazzjonijiet tal-PAHs fil-granuli żgħar ta' gomma riċiklata normalment kienu ħafna aktar baxxi mill-valuri limitu stabbiliti fir-restrizzjoni ta' REACH li hija relevanti għal taħlitiet bħal dawn. L-istudji koprew madwar 50 kampjun ta' granuli żgħar ta' gomma riċiklata u bosta mijiet ta' kampjuni meħudin minn aktar minn 100 grawnd. Il-kampjuni kienu minn Stati Membri differenti, pereżempju mill-Finlandja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Renju Unit. Barra minn hekk, l-ECHA rċeviet studji mill-industrija, li investigaw il-PAHs minn frazzjonijiet differenti ta' tajers. Huwa importanti li wieħed jinnota, madankollu, li jekk il-konċentrazzjoni tal-PAHs tkun għolja daqs il-limitu ġeneriku għat-taħlitiet fornuti lill-pubbliku ġenerali definit f'REACH, il-livell ta' tħassib ma jkunx baxx.

It-tħassib dwar ir-riskju ta' kanċer matul il-ħajja għall-plejers u għall-ħaddiema huwa baxx ħafna skont il-konċentrazzjonijiet ta' PAHs imkejla normalment fil-granuli żgħar ta' gomma riċklata fl-UE.

- 2) It-tħassib għall-plejers u għall-ħaddiema huwa negliġibbli meta wieħed iqis id-data dwar il-migrazzjoni tal-metalli li hija disponibbli, għalkemm limitata, li huma taħt il-limiti permessi fil-leġiżlazzjoni attwali dwar il-ġugarelli¹.
- 3) Ma ġie identifikat ebda tħassib għall-plejers u għall-ħaddiema mill-konċentrazzjonijiet ta' ftalati, ta' benzothiazole u ta' methyl isobutyl ketone fil-granuli żgħar ta' gomma peress li dawn huma taħt il-konċentrazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal problemi tas-saħħa.
- 4) Ġie rrapportat li l-VOCs emessi mill-granuli żgħar ta' gomma fi swali interni jistgħu jikkawżaw irritazzjoni lill-apparat respiratorju, lill-għajnejn u lill-ġilda.

Il-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni huma konsistenti mar-riżultati ta' bosta studji reċenti oħrajn, bħall-investigazzjonijiet tal-RIVM fin-Netherlands u dawk tal-Istat ta' Washington fl-Istati Uniti.

L-ECHA identifikat l-inċertezzi li ġejjin fl-evalwazzjoni tagħha:

- Il-konklużjonijiet huma bbażati fuq studji disponibbli minn kważi 10 Stati Membri li jkopru aktar minn 100 grawnd (materjal tal-mili li diġà qed jintuża) u madwar 50 kampjun ta' granuli żgħar ta' gomma riċklata ġdida. Filwaqt li l-ECHA ma setgħetx issib xi preġudizzju partikolari fl-istudji, hemm inċertezza dwar kemm dawn huma rappreżentattivi għall-granuli żgħar ta' gomma riċklata użati fil-grawnds tal-isport fl-UE kollha.
- Għad hemm xi lakuni fl-għarfien rigward is-sustanzi preżenti u l-konċentrazzjonijiet tagħhom fil-granuli żgħar ta' gomma riċklata normalment użati bħala materjal tal-mili fil-grawnds tal-isport.
- Xi tajers importati li jidhru fl-UE jew materjal ieħor tal-gomma b'kompożizzjoni mhux magħrufa jistgħu jiġu kkonvertiti fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom fi granuli żgħar ta' gomma u jista' jkollhom konċentrazzjonijiet differenti minn dawk fl-istudji msemmija hawn fuq. Tabilħaqq il-granuli żgħar ta' gomma stess jistgħu jiġu importati, u l-kompożizzjoni ta' dawn il-granuli mhix magħrufa.
- L-effetti kombinati tas-sustanzi kollha fil-granuli żgħar ta' gomma mhumieq magħruġin u diffiċli ħafna li jiġu vvalutati. Madankollu, din l-inċertezza mhix ikkunsidrata li taffettwa l-konklużjonijiet ewlenin ta' din l-evalwazzjoni.
- Xi wħud mill-valuri input użati fil-valutazzjoni tar-riskju huma suppożizzjonijiet. F'din l-evalwazzjoni, il-valuri ssoponuti kienu konservattivi (pereżempju kemm-il granula t-ftal jibilgħu waqt li jkun qed jilagħbu). Dan l-approċċ naqqas l-inċertezza ta' din l-evalwazzjoni.

Il-granuli żgħar ta' gomma użati fit-terf artifiċjali jkomplu jiġu investigati fl-UE u fi bnadi oħrajn. Pereżempju, l-EPA tal-Istati Uniti hija mistennija li tipproduċi r-

¹ Tqabbil ma' valuri limitu għal trab xott simili jew għal materjal tal-ġugarelli li jista' jitgħawweġ bħala eżempju.

rapport tagħha dwar 'Il-Granuli tat-Tajers Riċiklati Użati fil-Grawnds' fi tmiem l-2017. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-ECHA jkunu jridu jiġu riveduti ladarba dan ir-rapport isir disponibbli.

Skont l-evalwazzjoni tagħha, l-ECHA tirrakkomanda dan li ġej:

1. Li jiġu kkunsidrati bidliet fir-Regolament ta' REACH biex jiġi żgurat li l-granuli żgħar ta' gomma jiġu fornuti b'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna biss ta' PAHs u ta' sustanzi perikolużi rilevanti oħrajn.
2. Il-proprjetarji u l-operaturi tal-grawnds eżistenti (esterni u interni) għandhom ikejlu l-konċentrazzjonijiet tal-PAHs u ta' sustanzi oħrajn fil-granuli żgħar ta' gomma użati fil-grawnds tagħhom u għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-partijiet interessati b'mod li tiftiehem.
3. Il-produtturi tal-granuli żgħar ta' gomma u l-organizzazzjonijiet ta' interess tagħhom għandhom jiżviluppaw gwida biex jgħinu lill-manifatturi u lill-importaturi kollha tal-mili tal-gomma (riċiklata) jittestjaw il-materjal tagħhom.
4. L-assoċjazzjonijiet u l-klabbs Ewropej tal-isport u tal-futbol għandhom jaħdmu mal-produtturi rilevanti biex jiżguraw li l-informazzjoni relatata mas-sigurtà tal-granuli żgħar ta' gomma fit-terfs sintetiċi tiġi kkomunikata b'mod li jinftiehem lill-plejers u lill-pubbliku ġenerali.
5. Il-proprjetarji u l-operaturi tal-grawnds interni li jkun fihom mili ta' granuli żgħar ta' gomma għandhom jiżguraw ventilazzjoni adegwata.

Barra minn hekk, l-ECHA tirrakkomanda li l-plejers li jużaw grawnds sintetiċi għandhom jieħdu miżuri iġjeniki bażiċi wara li jkunu lagħbu fuq terf artifiċjali li jkun fih granuli żgħar ta' gomma riċiklata. Pereżempju, dejjem għandhom jaħslu jdejhom wara li jilagħbu fil-grawnd u qabel jieklu, inadffu kull qatgħa jew selħa malajr, ineħħu ż-żraben tal-futbol, it-tagħmir tal-isport jew uniformijiet maħmuġin barra biex ma jxerrdux il-granuli tal-gomma fid-dar, u l-plejers li aċċidentalment ikollhom xi biċċa tal-gomma f'haqhom ma għandhomx jibilgħuha.